# L-Annunzjata

Marija tfajla żagħżugħa,
Bint Sant' Anna u San Ġwakkin;
Darba kienet qiegħda titlob,
U dehrilh' anġlu divin.

Gabrijel kien jismu l-anġlu,
Li sellem lil Marija;
Hu berikha fost in-nisa,
U bil-grazzja dlonk imliha.

Għal dal-kliem Marija tħawdet,
U stagħġbet fiha nfisha;
Ma kinitx taf għaliex l-anġlu,
Għażel lilha fost in-nisa.

U l-anġlu kompla jgħidilha,
Sabiex ma tkunx beżgħana;
Għaliex kienet sabet grazzja,
Quddiem Alla l-kbir setgħani.

L-anġlu ħabbar lil Marija,
Li iben ser ikollha;
Iben kbir u Bin il-Għoli,
Li Ġesù ssejjaħlu l-folla.

Marija staqsiet lill-anġlu,
Kif jista' dan kollu jseħħ;
Ma kinitx għadha miżżewġa,
Iżda mgħarrsa 'l San Ġużepp.

Wieġeb l-anġlu u qalilha,
L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek;
U l-qawwa tal-Għoli tixħet,
Id-dell tagħha fuqek.

Marija wieġbet lill-anġlu,
Hi l-qaddejja tal-Mulej;
Minnha kellu jsir skont kelmtu,
Biex jitwieled il-Feddej.



Marija qamet tħaffef,
Lejn l-għoljiet f'belt tal-Lhudija;
Għal għand il-qariba tagħha,
Il-mara ta' Żakkarija.

Xħin Eliżabetta semgħet,
It-tislima ta' Marija;
Imtliet bl-Ispirtu s-Santu,
U nfexxet f'għajta kbira.

F'din il-ġrajja tal-Lunzjata,
Jew inkella tat-tħabbira;
Naraw il-kobor t'Alla,
Fiċ-ċokon ta' Marija.

Dil-festa niċċelebrawha,
F'ta' Marzu l-ħamsa u għoxrin;
Disa' xhur qabel ma twieled,
Ġesù Kristu żgħir Bambin.

Din il-ġrajja aħna nfakkru,
Meta ngħidu żewġ talbiet;
Dik tas-Sliema mal-Qaddisa,
U l-Magnificat b'tifħiriet.

Din il-festa ġewwa Malta,
F'żewġ irħula għandha l-għan;
F'Ħal Tarxien fix-xahar ta' Mejju,
U f'Lulju ġewwa Ħal Balzan!

***Cynthia Camilleri Cauchi***